MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 45/2011

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550)**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**
**David Mallia (ID 893850 M)**

**vs**

**Ludwig Dimech**
**(ID 135683 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi nhar is-17 ta' Lulju, 2009 il-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni MDM 222 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurat David Mallia garrbet danni u hsarat meta l-konvenut Ludwig Dimech aggressivament u b'intimidazzjoni waqqaf din il-vettura u deliberatament kisser il-hgiega tan-naha tal-passiggier kif jirrizulta mir-rapport tal-pulizija hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

Illi s-socjeta’ rikorrenti kellha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha u ghaldaqstant qieghda titlob lill-konvenut ihallas dawn l-istess danni.

Illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat diversi drabi biex jersaq ghall-hlas tad-danni minnu kkagunati, anke permezz ta’ ittra ufficjali mibghuta lilu nhar it-12 ta’ Ottubru, 2012 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok. B), huwa baqa’ inadempjenti.

Illi ghar-ragunijiet premessi s-socjeta’ rikorrenti qeghda titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal li jiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghad-danni in kwistjoni, li tillikwida l-istess danni fis-somma ta’ elf u disgha ewro u disghin centezmi (€1,009.90) u li tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali msemmija hawn fuq sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subbizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi qed jichad it-talba kif dedotta mis-socjeta’ attrici, stante li din hi nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, kif se jirrizulta fil-mori ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut ma ghandu l-ebda htija u / jew responsabilita’ kif gie premess mis-socjeta’ attrici, ghaldaqstant ma jistax jinzamm unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici.
Illi ghal kull buon fini, l-konvenut jixtieq jinforma lil dan l-Onorabbli Tribunal li prezentement hemm kawza fl-ismijiet Pulizija vs Dimech Ludwig liema kawza ghada fl-istadju inizjali taghha, ghaldaqstant ma jistax jinghad li hemm sejbien ta’ htija ghall-incident de quo fil-konfront tal-konvenut.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta’ attrici u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut kkontesta l-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, naqas milli jidher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disa' ewro u disghin centezmi (€1,009.90), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------